L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 25 ta' Frar 2005

**Kunsens fil-Mellieha**

Ma jistax jonqos li ghal darb'ohra nerga' nikteb dwar il-kwistjoni tal-pompa tal-petrol destinata li tinbena fil-Mellieha. Wara kollox il-lokalita' tifforma parti mid-distrett elettorali li fih ikkontestajt l-Elezzjoni Generali u nhoss li ghandu jinghata mportanza u prijorita' minni. Fil-hames snin li ilni nikkontribwixxi f'dan il-gurnal hija l-ewwel darba li se nikteb it-tieni artiklu fuq l-istess tema.

Il-kwistjoni tal-pompa tal-petrol fil-Mellieha mhix xi kwistjoni gdida. Hija kwistjoni li hlew l-energija fuqha kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll ir-residenti kollha li joqoghdu fl-inhawi . Ta' min wiehed jghid li certi persuni li hadmu bi shlh biex dan il-progett ma jsirx kienu nies ta' twemmin Nazzjonalista u li huma midhla sewwa ta' l-istess partit. Ghalhekk, kien hemm sahansitra appogg minn certu fergha tal-PN innifsu li kienet kontra fergha ohra tal-PN, izda milli jidher saret taqtiegha fiha rebhet in-naha li appoggjat lil Bucks.

F'dan ir-rigward ir-residenti kienu ghamlu protesta bl-appogg tal-Kunsill kif ukoll ghaqdiet sportivi li kellhom interess li jaghmlu uzu komunitarju ta' l-art inkwistjoni. Dawn kollha wkoll kienu mhalltin fit-twemmin politiku taghhom kif wiehed jistenna.

Ir-residenti u l-ghaqda mwwaqqfa ghal dan il-ghan kienu pprocedew legalment kontra l-Gvern u s-Sur Vella u ezawrew id-drittijiet kollha taghhom, legali o meno, fil-konfront tieghu.

Jiena personalment ukoll kont organizzajt protesta u konferenza stampa f'Mejju tas-sena l-ohra fejn kont involvejt bis-shih lir-residenti kif ukoll lill-GRTU fejn hareg bic-car kif Gvern Nazzjonlista, bl-ghajnuna tal-MEPA u d-dipartmenti u entitajiet kollha koncernati kienu qeghdin jimxu b'riga differenti ma' nies differenti.

Kaz partikolari kien li persuni xtaqu jmexxu l-pompa tal-petrol taghhom minn post ghal iehor. Dan minn fuq l-art prezenti ghal fuq bicca art ohra mixtrija minghand il-privat u ma thallewx ghar-raguni li l-licenzja ma tistax tigl trasferita. Dan filwaqt li fil-kaz tal-Mellieha dan se jithalla jigri. Fil-fatt huma diversi l-kazijiet ta' sisien li xtaqu jmexxu l-licenzja minn post ghal iehor u ma thallewx. Ghalhekk dan il-kaz se johloq precedent.

U nigu ghal dan . . . tghid dan jafu bizzejed bih l-awtoritajiet koncernati? Jistghu sidien ta' pompi tal-petrol ohra ghada pitghada jsostnu li la f'dan il-kaz gara hekk, huma wkoll jistghu jaghmlu l-istess.

U jekk dan jigri x'ikun gara fil-fatt? X'impatt thalli ammissjoni bhal din?

L-ewwelnett ir-rizultat ikun li jkunu tbiddlu ligijiet/ftehim biex jagevolaw l-interessi ta' bniedem wiehed. Ikunu tbiddlu bla ebda diskussjoni jew negozjati u jkunu qeghdin jitbiddlu mentri jkunu ntesew ir-ragunijiet (ambjentali, sanitarji jew ta' sigurta') li ghalihom tkun iddahlet dik il-klawsola originarjament.

Ic-cans huwa wkoll li mentri fil-post originali ndikat fil-licenzja jkunu gew sodisfatti diversi kriterji biex il-licenzja nghata, fil-post il-gdid dawn ikunu nqabzu.

Ghalkemm milli jidher sar xi studju ta' mpatt ambjentali dwar Ta' Penellu - kieku verament il-kriterji kienu se jigu sodisfatti ghaliex ma nghatatx licenzja gdida?

F'dan il-kaz wiehed jista' jargumenta li hemm numru ta' licenzji li jistghu johorgu li ma jistax jizdied. Izda ta' min wiehed ifakkar li hemm terminu ta' zmien mindu tkun inghalqet pompa sakemm terga' tigi tapplika l-istess licenzja.

U f'dan il-kaz ukoll saret eccezzjoni. Ghax il-fatt li l-licenzja kienet ilha ma tintuza xi 14 -il sena gie injorat totalment.

Kemm bihsiebu jikser ligijiet u konswetudnijiet Gvern Nazzjonalista ghall-hbieb tieghu?

U liema ligijiet jew prattici bi hsiebu jikser? Kemm il-precedent bihsiebu johloq? U a skapitu ta' x'hiex se jinholqu l-precedenti? A skapitu ta' konsiderazzjonijiet ambjentali? A skapitu ta' ksur ta' ftehim kollettiv? Jew ta' regolamenti u by-laws?

U kif jghid il-Malti: min jaghmel qoffa jaghmel bixkilla. Gvern li jbaxxi rasu u jibdel regolametni jew jinjorahom ghal min deherlu. Sa fejn lest li jissaggrifika ftehim li dahal ghalih, jew kwalunkwe etika morali jew politika biex ma jiksirx lill-hbieb?

Fil-kaz Ta' Penellu l-art ittiehdet minghand bidwi biex tinghata lill-privat. Fi kliem iehor: bidwi li kein jahdem din l-art kellu johrog minnha ghal taparsi skopijiet komunitarji biex imbaghad induna li r-ragunijiet kienu biex jigI sodisfatt individwu. Ghaliex dan?

Hija dik il-kultura li qed titrawwem taht Gvern Nazzjonalista?

U dan kollu . . . bla ma nidhlu fid-diskussjoni ta' kemm ta' kas Gvern Nazzjonalista tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha li kein dontra din il-pompa mill-bidu nett. Jaqaw Gvern nazzjonalista m'ghandux il-fiducja' li jghid fil-Kunsill Lokali? Ma jismax it-talbiet taghhom?

Jew forsi ghax il-Kunsill tal-Mellieha ghandu maggoranza Laburista?

Imma issa jekk nibqghu sejrin hekk ma nistghux nitkellmu wkoll fuq preferenzi bejn Kunsil u iehor?

U b'dan kollu . . . dan il-qrid kollu! Lanqas li xi hadd se jaghti jew ma jaghtix kasna!

Pero' ta' min ifakkar li fil-Mellieha jezisti kunsens bejn min hu Laburist u min hu Nazzjonalist dwar din il-kwistjoni.

U l-elettorat li sejjer jivvota Marzu li gej - jaf min ghandu ragun: jekk hux il-Gvern Nazzjonalista jew il-Kunsill Laburista.